**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2025**

Rikors Numru: 109/2025 AL

A B

Vs

C D

(M.R. Numru 2830/2009)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fl-14 ta' Lulju 2007 Malta u l-istess żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 1243/2007 (ċertifikat anness u mmarkat **'Dok $A_1$');**

2. Illi minn dan iż-żwieġ, twieldu zewġt itfal, E D li twieldet fil-21 ta' Awissu 2009 (ċertifikat tat-twelid anness u mmarkat **'Dok $A_2$')** u F D li twieled fit-3 ta' Mejju 2014 (ċertifikat tat-twelid anness u mmarkat **'Dok $A_3$');**

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt iffirmat quddiem in-Nutar Dr Robert Micallef fit-30 ta' Marzu 2015 (kuntratt hawn anness u mmarkat bħala **Dok $A_4$),** u dan wara li ġew hekk awtorizzati;

4. Illi l-partijiet ilhom ma jgħixu flimkien għal madwar ghaxar snin u m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi l-mantiment ghat-tfal qieghed jithallas b'mod regolari;

6. Illi fil-fehma tal-attriċi, il-kriterji kollha meħtieġa mil-liġi għax-xoljiment taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet, huma preżenti;

**GĦALDAQSTANT,** l-attriċi umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

(i) Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet maħlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

(ii) Tordna lir-Reġistru tal-Qorti sabiex fiż-żmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jiġi reġistrat;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta’ Marzu 2025;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla  fuq domanda tal-qorti jwiegeb li ma joggezzjonax ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta’ Marzu 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.